# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**disgħa u għoxrin (29) ta' April 2021**

**Rikors Numru 1027/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Ocean & Sky Logistics Limited**
**(C 35012)**

**Vs**

**Seacrest Limited**
**(C 46174)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Novembru 2017, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti, bil-konferma ta' Kurt Camilleri, talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti esponenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro, tnejn u għoxrin Euro ċenteżmi (€21,976.22) kwantu import ta' varji ammonti avvanzati lilha mis-soċjeta' rikorrenti kif jirriżulta minn Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dokument OSL 1.*

    2. *Illi s-soċjeta' rikorrenti esponenti għamlet diversi talbiet għall-ħlas tal-ammont dovut illum ossija l-ammont fuq imsemmi ta' wieħed u*

*għoxrin elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro, tnejn u għoxrin Euro ċenteżmi (€21,976.22) kemm bil-kitba u kemm verbali iżda s-soċjeta' intimata qiegħda taħrab mill-obbligu tagħha tal-ħlas u qiegħda tinjora t-talbiet varji li sarulha.*

3. *Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża sabiex jiġi kkanonizzat l-imsemmi kreditu ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro, tnejn u għoxrin Euro ċenteżmi (€21,976.22) favur is-soċjeta' rikorrenti esponenti flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data meta l-ammonti avvanzati saru dovuti sad-data tal-effettiv pagament tal-ammont u dan flimkien mall-ispejjeż ġudizzjarji inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-ħruġ tiegħu qiegħed jiġi mitlub kontestwalment ma' dan ir-rikors.*

*Għalhekk l-esponenti soċjeta' rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

*(1) Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro, tnejn u għoxrin Euro ċenteżmi (€21,976.22) kwantu import ta' varji ammonti avvanzati lilha mis-soċjeta' rikorrenti attriċi kif jirriżulta minn Statement of Account hawn anness u mmarkat bħala Dokument OSL 1, liema ammont huwa llum dovut u eżigwibbli.*

*Bl-imgħaxijiet legali mid-data meta kull ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inkluż dak tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-ħruġ tiegħu qiegħed jiġi mitlub kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta' April 2018, is-soċjeta' intimata Seacrest Limited ippreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha u, bil-konferma ta' Alex Polidano, qajjmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' attriċi trid tipprova li attwalment hija kellha board resolution sabiex tagħmel is-self imsemmi minnha fir-rikors promotur;*

2. *Illi t-talba attriċi hija intempestiva u dan għaliex is-soċjeta' attriċi fl-ebda ħin ma għamlet talba għall-ħlas qabel ir-rikors odjern;*

3. *Illi ad ogni caso, it-talba attriċi hija preskritta ai termini, tal-artikolu 2156(e) tal-Kodici Ċivili u dan peress illi l-allegat self lil Seacrest fis-somma ta' €18,635 sar fis-7 ta' Marzu 2012 kif jirriżulta mid-dokument mmarkat bħala OSL1 eżebit mis-soċjeta' attriċi mar-rikors promotur tagħha;*

4. *Illi is-soċjeta' konvenuta mhijiex debitriċi tas-soċjeta' attriċi kif ser jiġi provat fil-mori tal-kawża;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur.*

**Provi**

3. Rat l-affidavit ta' **Kurt Camilleri** ippreżentat fid-19 ta' April 2018 u d-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 41)

4. Rat l-affidavit ta' **Patrick Camilleri** ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2018 u d-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 54)

5. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Kurt Camilleri illi saret fit-3 ta' Ottubru 2018. (fol 58)

6. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2018 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat ix-xhieda ta' **Alex Polidano** illi ngħatat fl-20 ta' Novembru 2018. (fol 61)

8. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2019, dina l-Qorti, kif presjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

9. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Patrick Camilleri illi saret fil-31 ta' Ottubru 2019. (fol 69)

10. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Alex Polidano illi saret fl-4 ta' Frar 2020. (fol 84)

11. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Kurt Calleja illi saret fl-20 ta' Ottubru 2021. (fol 114)

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Keith Camilleri** illi ingħatat fis-16 ta' Diċembru 2020. (fol 142)

13. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Patrick Camilleri illi saret fit-3 ta' Marzu 2021.

14. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2021, is-soċjeta' intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

15. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2021, is-soċjeta' intimata għarrfet lill-Qorti li hija kienet qiegħda tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhux abbażi tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap 12 iżda abbażi tal-Artikolu 1078 (a) tal-Kap 16.

16. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partiiet illi saret fit-3 ta' Marzu 2021, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

17. Jirriżulta illi ir-rappreżentanti taż-żewġ kumpanniji, ossija Kurt Camilleri għal Ocean & Sky Logistics Limited, u Alex Polidano għas-soċjeta' Seacrest Limited kienu sħab flimkien fis-soċjeta' rikorrent Ocean & Sky Logistics Limited, fejn Alex Polidano kellu sebgħin fil-mija tas-soċjeta' (70%) filwaqt illi Kurt Camilleri kellu tletin fil-mija (30%).

18. Jirriżulta illi fi Frar 2009, Alex Polidano fetaħ il-kumpannija intimata Seacrest Limited sabiex ikun jista' iġestixxi r-restaurant tal-Marsascala Waterpolo Pitch li, permezz ta' ftehim datat 3 ta' Frar 2009, is-soċjeta' intimata kienet kriet ir-restaurant għal perjodu ta' ħames snin.

19. Jirriżulta illi, sabiex iġestixxi l-operazzjoni tal-ħanut tal-Marsascala Sports Club, Alex Polidano, għas-soċjeta' intimata, kien jissellef flejjes mingħand is-soċjeta' rikorrenti Ocean & Sky Logistics Limited, illi fiha huwa kien sħab, liema loans kienu indikati bħala 'shareholder loans', bl-intiża illi jirrifondi tali flejjes hekk kif jimxi x-xogħol.

20. Jirriżulta illi bejn is-snin 2011 u 2014, is-soċjeta' intimata kienet ssellfet l-ammont totali ta' €53,251.22, u dana kemm permezz ta' flejjes mislufa direttament lis-soċjeta' intimata, jew inkella tramite spejjeż tas-soċjeta' intimata iżda addebitati lis-soċjeta' rikorrenti u pagamenti direttament lil Marsascala Aquatic Club.

21. Jirriżulta wkoll illi, fl-istess perjodu ta' żmien, is-soċjeta' intimata rrifondiet is-somma ta' €31,375 minn dak akkreditat lilhom mis-soċjeta' rikorrenti.

22. Jirriżulta illi, mument minnhom, il-partijiet, individwalment, spiċċaw vittmi tal-problemi finanzjarji li ħalla warajh persuna magħrufa bħala Ryan Schembri, li kien jiġġestixxi l-More Supermarkets, u li kien ukoll it-Teżorier tal-Marsascala Waterpolo Club, u li ħarab minn Malta u ħalla ħafna djun warajh.

23. Jirriżulta illi eventwalment Kurt Camilleri u Alex Polidano ddeċidew illi jieqfu jaħdmu flimkien u wara negozjati bejniethom, f'Settembru 2015 sar trasferiment tas-shareholding ta' Alex Polidano għal fuq Kurt Camilleri biex b'hekk Kurt Camilleri jsir l-azzjonist tas-soċjeta' rikorrenti.

24. Jirriżulta, madanakollu, illi l-bilanċ li kien għad hemm f'isem Seacrest Limited, kien jammonta għal €21,976.22.

25. Jirriżulta illi Alex Polidano jikkontendi illi huwa għadda l-ammont kollu nieqes tlett mitt Euro, jiġifieri madwar €21,600 fi flus kontanti personalment lil Kurt Camilleri.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Kurt Camilleri jikkontendi illi dana ma huwiex minnu u qatt ma rċieva tali flejjes.

27. Jirriżulta illi, flimkien max-xhieda taż-żewġ azzjonisti Camilleri u Polidano, s-soċjeta' rikorrenti ressqet lill-accountant Patrick Camilleri illi kkonferma li l-bilanċ kien għadu dovut kif indikat fl-Istatement minnu redatt a fol 3 tal-proċess filwaqt illi s-soċjeta' intimata ressqet lill-accountant Keith Camilleri illi kkonferma li, għalkemm ma kellu ebda dokumentazzjoni f'idejh, huwa indika fi statement minnu redatt bħala accountant tas-soċjeta' intimata u minnu ppreżentata a fol 152 li l-istess soċjeta' intimata kienet ħallset kollox lis-soċjeta' rikorrenti, u dana abbażi tal-informazzjoni li għaddhielu Alex Polidano li l-ħlas sar cash.

## Konsiderazzjonijet

28. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Alex Polidano mogħtija fl-4 ta' Frar 2020, illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi s-soċjeta' intimata kienet issellfet l-ammont ta' ftit aktar minn tlieta u ħamsin elf Euro – vide fol 88 – fejn fuq domanda dwar jekk issellfitx tali flejjes, huwa rrisponda "*jista' jkun, jista' jkun, pero' mhux fuq tlieta u ħamsin elf qegħdin nitkellmu hawn hekk.*"

29. Jirriżulta, dejjem mix-xhieda ta' Alex Polidano stess, illi ż-żewġ azzjonisti kienu regolarment jissellfu flejjes mingħand is-soċjeta' rikorrenti għall-varji attivitajiet oħra tagħhom, tant illi – vide fol 86 – huwa jistqarr illi dwar teħid ta' flejjes *" ... jekk inti tmur fir-records tal-kumpannija ... ma hemm l-ebda irċevuta ... ma hemm l-ebda dokument .. ma hemm l-ebda xejn .. la board resolution ... xejn.*"

30. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi dwar il-meritu tal-kawża odjerna, ossija l-bilanċ ta' €21,976, Alex Polidano jgħid dan li ġej:

> *"Dak il-bilanċ ma hux dovut. Diġa' għidtlek li ma hux dovut u dawn tħallsu. Dawn tħallsu f'Jannar tal-2015. Tħallsu kontanti."*

31. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk tali flejjes qatt ingħaddewlu, Kurt Camilleri jikkonferma bil-gurament tiegħu għal varji drabi illi huwa ma rċieva ebda flejjes mingħand Alex Polidano – vide fol 136.

32. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata w ir-rappreżentant tagħha, Alex Polidano, ma għandha fil-pussess tagħha ebda ricevuta tal-ħlas tal-ammont ta' €21,976.

## Verżjonijiet konfliġġenti

33. Jirriżulta ċar, mill-assjem tal-provi, illi dina l-Qorti hjia rinfaċċjata b'żewġ verżjonijet konfliġġenti – waħda fejn is-soċjeta' rikorrenti tgħid li għad fadallha bilanċ dovut, u oħra fejn is-soċjeta' intimata tikkontendi illi tali bilanċ tħallas fi flus kontanti.

34. Il-Qorti hawn tagħmel referenza għal dak illi Qorti il-Qorti Prim' Awla fil-kawża **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia** deċiża fl-24 ta' Novembru 1996, fejn dwar tali konflitt qalet:

> *"... il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tal-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."*

35. L-istess intqal fil-każ **George Bugeja vs Joseph Meliak** deċiż mill-Qorti Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003, fejn qalet

> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament ta' provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ ta' probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."*

**Difiżi**

36. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata għamlet tlett difiżi:

    a. Li jrid jintwera Board Resolution tas-soċjeta' rikorrenti li sellfet il-flus.
    b. Li l-ammont huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap 16.
    c. Li ebda somma hija dovuta.

37. Jirriżulta illi, sussegwentement, waqt it-trattazzjoni, is-soċjeta' qajjmet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1078 (a) tal-Kap 16.

**<u>Board Resolution</u>**

38. Jirriżulta illi, dwar l-ewwel eċċezzjoni imqajjma, jirriżulta ben ċar illi s-sitwazzjoni tas-self ta' flejjes mis-shareholders kienet waħda "fluida", kif jiddeskriviha Alex Polidano, liema sitwazzjoni kienet ibbażata fuq il-fiduċja illi l-azzjonisti kellhom, u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa ta' Board Resolution.

39. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-azzjonisti tas-soċjeta' rikorrenti, fiż-żmien meta Alex Polidano kien azzjonist b'sebgħin fil-mija tal-ishma, kellhom arranġament ċar illi setgħu jissellfu flejjes mingħand l-istess soċjeta' rikorrenti mingħajr il-ħtieġa ta' ebda risoluzzjoni tal-Bord tal-kumpannija.

40. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ma ssib ebda bażi u qiegħda tiġi miċħuda.

**<u>Artikolu 2156 (e) tal-Kap 16</u>**

41. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata tikkontendi illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass ta' ħames snin minn meta tali flus ġew mgħoddija lilha, u dana a tenur tal-Artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 illi jipprovdi l-preskrizzjoni b'egħluq ta' ħames snin għall:

*" ... azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku."*

42. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet imnehdija fl-10 ta' Novembru 2017, u għalhekk il-preskrizzjoni ta' ħames snin japplika għal kull somma mislufa qabel l-10 ta' Novembru 2012.

43. Jirriżulta, skond l-istatement of account illi ġie ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti u li ma ġiex ikkontestat mir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, illi l-aħħar darba li sar ħlas kien fit-2 ta' Ottubru 2013, fejn dakinhar sar pagament ta' €11,250 bħala "Deposit on Seacrest loan".

44. Jirriżulta illi għalkemm hemm somom li ġew mislufa fis-sena 2011 u anke Marzu 2012, t-trapass tal-preskrizzjoni jidher ċar illi ġie interrot bi ħlas 'akkont' da parte tas-soċjeta' intimata għas-somom lilha mislufa, l-aħħar pagament isir fit-2 ta' Ottubru 2013.

45. Jirriżulta, għalhekk illi l-argument illi l-ammont mitlub huwa preskritt bit-trapass tal-perjodu ta' ħames snin ma japplikax.

**<u>Artikolu 1078 (a) tal-Kap 16.</u>**

46. Jirriżulta illi fit-trattazzjoni, l-abbli difensur tas-soċjeta' intimata qajjem eċċezzjoni ulterjuri, fejn eċċepixxa illi l-azzjoni kienet preskritta a tenur tal-Artikolu 1078 (a) tal-Kap 16, għal liema eċċezzjoni l-abbli difensur tas-soċjeta' rikorrenti oppona stante illi saħaq li kien tard wisq sabiex titqajjem tali eċċezzjoni.

47. Il-Qorti tosserva illi għalkemm huwa minnu illli, erbgħa snin wara li saret il-kawża, is-soċjeta' intimata qajjmet eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni hekk kif il-kawża kienet ser titħalla għas-sentenza, huwa minnu wkoll illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem fi kwalumkwe stadju tal-kawża, anke fi stadju ta'

appell, u għalhekk il-Qorti hija obbligata illi tqis tali eċċezzjoni bħala waħda li tressqet quddiemha.

48. Jirriżulta illi l-Artikolu 1078 (a) tal-Kap 16 jipprovdi li:

> *Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jeżegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*
>
> *(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi eżegwita fi żmien sentejn jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax;*
>
> *(b) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fih għandha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi.*

49. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontendi illi ladarba r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata qiegħed jikkontendi illi l-ħlas sar f'Jannar 2015 u ladarba jirriżulta illi l-aħħar pagament fuq il-kotba tas-soċjeta' rikorrenti saret f'Ottubru 2013, għalhekk il-fatt illi nbdew il-proċeduri f'Novembru 2017 tfisser illi l-azzjoni hija preskritta.

50. Il-Qorti, madanakollu, ma taqbilx mal-argumentazzjoni tas-soċjeta' intimata u hawnhekk tagħmel referenza għat-tagħlim tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Imħallef Philip Sciberras, fejn, fil-kawża Josephine Zammit vs Darren Woodhead deċiża fid-9 ta' April 2010, fejn jirrigwarda l-perjodu ta' sentejn previst fl-Artikolu 1078 u l-prinċipju ta' preskrizzjoni, kellu dan xi jgħid:

> *Premess dan, huwa utli, fid-determinazzjoni tad-dies a quo ... għal dak li huwa d-dritt ta' azzjoni għall-kreditu wieħed jiddistingwi bejn il-prestazzjoni rimessa għall-att potestativ tal-kreditur u l-każ fejn il-prestazzjoni hi bla terminu jew b'terminu inċert;*
>
> *Taħt l-ewwel ipotesi hu l-każ fejn is-self hu eżigwibbli "a semplice richiesta del creditore". Kif spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Rev. Kjeriku Carmelo Bonavia et vs Giuseppe Fenech et", Appell Ċivili, 27 ta' Mejju, 1946, f'każ bħal dan "il-kreditur ma jkunx marbut bl-ebda żmien u għalhekk, salv li jagħti żmien raġonevoli lid-debitur la darba silfu l-flus, huwa fi kwalunkwe mument seta' jitlob ir-restituzzjoni tal-flus". F'dan il-każ il-bidu tal-preskrizzjoni hu dak il-mument li fih jinsorgi d-dritt ta' l-azzjoni, ossija mid-data tar-rikjesta;*
>
> *Taħt it-tieni ipotesi d-dies a quo jikkoinċidi ma' dak li fih titwieled l-obbligazzjoni. F'materja ta' self ta' flus l-exordium obligationis għal fini*

*tal-preskrizzjoni ma huwiex dak tad-data li fih sar is-self, jew id-data ta' l-iskrittura tas-self, imma d-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara "Bazilju Zammit vs Leonardu Mizzi et", Appell Ċivili, 19 ta' Ġunju, 1970 u "Catherine Busuttil et vs Catherine Farrugia", Appell Ċivili, 12 ta' Marzu, 1973. Biex wieħed jara liema hi din id-data ta' restituzzjoni wieħed ikollu jirrikorri għad-dispost ta' l-Artikolu 1078 (a) tal-Kodici Ċivili li jipprovdi illi "jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi eżegwita fi żmien sentejn, jekk dik is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax";*

*Trasportat dan li ngħad għall-fattezzi tal-każ in eżami, trattasi minn self għal liema ma kien maħsub ebda mgħax, ankorke hu ammess li l-flejjes mislufa għaddew fil-31 ta' Mejju, 2003, <u>it-terminu preskrittiv oppost ta' ħames snin ma kellux il-bidu tiegħu f'dik id-data iżda mid-data tad-dekors tas-sentejn li fihom kellu jsir ir-radd lura tas-self skond il-previżjoni tal-liġi fl-artikolu predett</u>. Li jfisser, illi d-dekorriment tal-ħames snin kellu l-bidu tiegħu mill-31 ta' Mejju, 2005. Li jfisser ukoll, b'konsegwenza illi l-perijodu kwinkwennali estintiv ma kienx għadu skada meta ġiet intavolata l-azzjoni (17 ta' Lulju, 2008). Multo magis, imbagħad, fil-każ ta' l-ittra ufficċjali tal-21 ta' Mejju, 2008;*

*Jikkonsegwi minn dan kollu illi l-iskoll ta' l-estinzjoni taż-żmien għall-proponiment ta' l-azzjoni ma kienx fattibbli u dan kellu jittraduċi ruħu fis-sens illi kull indaċini ta' xi possibbli interruzzjoni jew rikonjizzjoni tad-debitu lanqas ma kien hemm lokha, ġaladarba ż-żmien legali tal-preskizzjoni li fuqha l-konvenut ibbaża d-difiża tiegħu ma kienx għadu, għar-raġunijiet premessi skada;*

51. Jirriżulta, abbażi ta' tali sentenza erudita, illi l-perjodu ta' sentejn pprovdut fl-Artikolu 1078 tal-Kap 16 ma huwiex perjodu ta' preskrizzjoni, kif tikkontendi s-soċjeta' intimata, iżda huwa perjodu li fih l-istess soċjeta' intimata kellha tagħmel il-ħlas tagħha u kien ikollha kull dritt tikkontesta l-intempestivita' ta' azzjoni f'każ illi tkun intalbet il-ħlas qabel it-trapass tal-perjodu ta' sentejn.

52. Jirriżulta, għalhekk, illi, a differenza ta' dak argumentat mill-abbli difensur tas-soċjeta' intimata, s-sentejn kkontemplat fl-Artikolu 1078 huwa żmien għal ħlas u mhux żmien għall-azzjoni għall-ġbir tal-flus ... dana ż-żmien, ossija ta' ħames snin fil-każ odjern, beda jiddekorri minn wara t-trapass ta' tali sentejn, u dana in ottemperanza mal-Artikolu 1078 tal-Kap 16.

53. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1078 tal-Kap 16 ma treġġix u timmerita illi tiġi miċħuda.

**Konsiderazzjonijiet finali**

54. Il-Qorti tosserva, kif irrilevat aktar il-fuq, illi hija tinstab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijet differenti, waħda fejn jingħad illi hemm ammont dovut, u oħra fejn jingħad illi l-ammont tħallas fi flus kontanti.

55. Kif ġie osservat aktar il-fuq, il-kawża w il-konklużjonijiet tal-Qorti jenthieġ illi jibbażaw ruħhom fuq il-provi prodotti kif ukoll fuq il-"*preponderanza tal-probabbiltajiet*" li tali provi jġibu magħhom.

56. Fil-każ odjern, jirriżulta ċar illi s-soċjeta' intimata ssellfet flus u ħallset ammont minnu lura bir-riżultat li kien għad fadal bilanż lilha dovut, iżda ma jirriżultax ppruvat f'livell suffiċjenti għal dina l-Qorti li l-bilanċ ta' ftit aktar minn €21,000 tħallas permezz ta' flus kontanti li tagħhom ma tħallset ebda riċevuta.

57. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, tenut kont tal-fatt illi meta sar dana l-allegat ħlas, l-azzjonisti tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Kurt Camilleri u Alex Polidano kienu qed jikkustinjaw bejniethom dwar ix-xoljiment o meno tas-soċjeta' rikorrenti w il-problemi finanzjarji illi kellha, hija kemmxejn inverosimili illi Alex Polidano verament għadda l-ammont ta' aktar minn €21,000 fi flus kontanti mingħajr ma jitlob u/jew jinsisti għal xi tip ta' riċevuta għal tali ħlas.

58. Il-Qorti tirrileva illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata kien ben konxju tal-fatt illi kien hemm tali bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti u kieku kien minnu illi huwa għamel tali ħlas sabiex iħallas dak kollu dovut, kien ċertament jinsisti għal xi tip ta' riċevuta sabiex jikkorrabora u jikkonferma l-ħlas.

59. Tenut kont ta' tali nuqqas ta' prova, il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti ppruvat li s-somma ta' €21,976.22 hija dovuta filwaqt illi s-soċjeta' intimata ma ppruvatx illi s-somma ma kinetx dovuta kif saħqet hi.

**DECIDE:**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali w semgħet ix-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' intimata,

**Tilqa'** t-talba attriċi, kif dedotta, u għalhekk;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata, Seacrest Limited, tħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u sitta u sebgħin Euro, tnejn u għoxrin Euro ċenteżmi (€21,976.22) lis-soċjeta' rikorrenti attriċi, Ocean & Sky Logistics Limited.

**Imgħaxijiet** mid-data tal-azzjoni odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kif mitluba ikunu a kariku tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**